**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 13 ta' Mejju 2025**

**Kawża Numru: 4035/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**kontra**

**Miguel Gaffarena**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi **Miguel Gaffarena** ta' erbgħa u tletin (34) sena, iben Innocent u Catherine xebba Catania, imwieled Pieta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990), detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 360790(M) u residenti fil-fond 'Lilly Flats', Flat numru sitta (6), Triq Patri Ġużepp Calleja, San Pawl il-Baħar.

U nakkużah talli nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b'risoluzzjoni waħda, f'diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin:

1. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco fid-digriet datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u/jew kif sussegwentement ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, f'dan li ma jirraportax l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ġimgħa u Sibt bejn is-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs) u t-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20:30hrs), u/jew li jirtira ġewwa l-fond fejn joqgħod ċioe' numru sebgħa u erbgħin (47), Triq il-Mitħna, Ħaż-Żebbuġ mhux aktar tard mid-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs) u ma joħroġx minn hemm qabel is-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) u/jew li jidher għal kull att tal-proċess fid-data, lok u ħin u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u/jew tordna li s-somma marbuta jew parti minnha tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih;

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Il-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti provi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat:-

**Victor Deguara**[1], Deputat Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, xehed u preżenta verbal datat sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), minn fejn jirriżulta li din il-Qorti diversament preseduta ħarġet mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat u dan għaliex naqas milli jattendi għal dik is-seduta. Ix-xhud preżenta ukoll verbal ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), minn fejn jirriżulta li l-imputat kien preżenti għal dik is-seduta u ġie notifikat fl-awla bid-data tas-seduta ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025). Ix-xhud preżenta ukoll rapport tal-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud, minn fejn jirriżulta li l-imputat ma kienx qiegħed josserva l-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Superviżjoni temporanja. Id-dokumenti li ġew preżentati mix-xhud ġew immarkati bħala 'Dok VD 1'[2], 'Dok VD 2'[3] u 'Dok VD 3[4]'.

**Rita Bugeja**[5] xehdet illi hija tirrisjedi fl-indirizz numru sebgħa u erbgħin (47), Triq il-Mitħna, Żebbuġ, flimkien mal-*partner* tagħha Carmelo u ħuha Philip Bugeja. Tgħid li ħuha kien jaf lill-imputat u ħadu d-dar tagħhom igħix magħhom. Tgħid li kien ilu jgħix magħhom minn Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024). Tispjega li llum il-ġurnata Philip Bugeja jinsab detenut fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u ilu detenut mit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u minn dik id-data l-imputat ma marx iżjed fir-residenza tagħhom u ma tafx fejn mar.

**PC 2128 Beyonce Azzopardi**[6] xehdet illi nhar s-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta tal-erbgħa u kwart waqt li kienet

[1] A fol. 108 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 111 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 112 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 113 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 115 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 120 tal-atti proċesswali

fuq ronda ġewwa l-lokalita' tal-*Marsa,* kienet innutat persuna bilqegħda fuq il-bankina, nofsha rieqda, ġewwa l-*Park and Ride*. Hija, flimkien mal-kollega tagħha PC 1299 avviċinaw lil din il-persuna sabiex jaraw jekk kinitx f'sikkitha u hemmhekk indunaw li din il-persuna kienet l-imputat odjern. Tgħid li lill-imputat jafuh għax jifrekwenta dawk l-inħawi u kienu jafu li kien qiegħed jiġi mfittex mill-Ispettur Omar Zammit. Tgħid li dak il-ħin l-imputat kien ġie arrestat minħabba allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u ngħata d-drittijiet legali tiegħu, kemm bil-fomm, kif ukoll mil-miktub.

PC 2128 tgħid li għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart, l-imputat ried assistenza medika u għaldaqstant ittieħed ġewwa l-Poliklinika tal-Furjana, fejn l-imputat ingħata riċetta sabiex jieħu xi mediċina li kellha tinġab mill-Isptar *Mater Dei.* Wara l-imputat ġie reġistrat fuq id-*detainee book* tal-Għassa tal-Pulizija tal-Marsa, u ttieħed l-Isptar *Mater Dei* sabiex tinġab il-mediċina u wara ġie eskortat lura lejn l-*lock up*.

**PC 1299 Josef Amhamed**[7], xehed illi nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), hu flimkien ma PC 2128, kienu fuq ronda ġewwa l-*parking area* tal-*Marsa Park and Ride*, fejn raw persuna maskili bilqegħda fuq il-bankina li ma kinitx f'sikkitha. Din il-persuna rriżulta li kienet l-imputat. Ix-xhud igħid li kien jaf li l-imputat kien qiegħed jiġi mfittex mill-Ispettur Omar Zammit u ġie arrestat, u ngħata d-drittijiet tiegħu kemm bil-fomm u bil-miktub u ġie nfurmat bir-raġuni tal-arrest tiegħu, li kienet il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. In kontro-eżami, ix-xhud igħid li meta l-kollega tiegħu kienet infurmat lill-imputat li kien qiegħed jiġi arrestat fuq ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, huwa kien uriehom ċertifikat li kien l-Isptar.

**L-iSpettur Omar Zammit**[8] xehed illi huwa kien ressaq lill-imputat quddiem din il-Qorti diversament preseduta u nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest. Igħid li l-imputat kellu l-obbligu li jirrisjedi fl-indirizz numru sebgħa u erbgħin (47), Triq

[7] A fol. 123 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 127 tal-atti proċesswali

il-Mitħna, Ħaż-Żebbuġ, li jiffirma l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ u tas-Siġġiewi, kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ġimgħa u Sibt bejn is-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs) u t-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20:30hrs). Igħid li kien hemm ħafna drabi meta l-imputat ma kienx qiegħed jiffirma u hu kien jirċevi diversi *emails* f'dan ir-rigward. Huwa jispjega li l-imputat kien naqas li jiffirma nhar l-ewwel (1) ta' Frar, il-ħamsa (5) ta' Frar, it-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar, l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar, it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar, l-ewwel (1) ta' Marzu, l-ħamsa (5) ta' Marzu, it-tnax (12) ta' Marzu, l-erbatax (14) ta' Marzu, is-sbatax (17) ta' Marzu u l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025).

L-Ispettur Zammit igħid li l-imputat kien infurmah li kien telaq mid-dar numru sebgħa u erbgħin (47), Triq il-Mitħna, Ħaż-Żebbuġ għax l-imputat kien informa lis-*social workers*, li Philip Bugeja kien għamel suwiċidju, li wara rriżulta li ma kienx minnu. Igħid li l-imputat kien qallu li kien mar jirrisjedi f'Dar Papa Franġisku ġewwa Birkirkara u huwa kien qal lill-imputat sabiex jagħmel rikors sabiex jitlob varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tiegħu. Jispjega li r-rikors ma sarx, iżda huwa xorta kien għamel l-arranġamenti sabiex l-imputat ikun jista' jiffirma l-*bail book* ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara sabiex ikun qrib. Madanakollu l-Ispettur Zammit jispjega li wara verifiki li għamel, rriżulta li l-imputat kien raqad f'Dar Papa Franġisku biss bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar u s-sebgħa (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), bl-eċċezzjoni tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u reġa' raqad hemm ukoll fit-tnax (12) ta' Marzu, pero minn dakinhar sa meta ġie arrestat, l-imputat ma kienx qiegħed jorqod fid-Dar Papa Franġisku. Igħid li dan jafu għax kien ikkomunika ma Rebecca Deguara permezz ta' *emails* li preżenta ukoll in atti.

L-Ispettur Zammit igħid li meta kien ġie arrestat, l-imputat kien qallu li hu ma kienx qiegħed jiffirma għax kien rikoverat l-Isptar u għalhekk kien għamel il-verifiki neċessarji, minn fejn irriżulta li l-imputat kien daħal l-Isptar fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena kurrenti u kien ħareġ l-għada ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar minn jeddu. Kien reġa' daħal l-Isptar fil-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u ħareġ l-għada fis-sittax (16) ta' Marzu minn

jeddu. Reġa' daħal dakinhar stess u reġa' ġie *discharged* fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025). Sussegwentement reġa' daħal l-Isptar fl-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u reġa' ġie *discharged* l-għada fl-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu. Huwa jispjega li dawn id-dati ma kinux jaqblu mad-dati li fihom l-imputat ma kienx mar jiffirma, ħlief għal data waħda li kienet taqbel ma data li fiha l-imputat ma kienx mar jiffirma.

L-Ispettur Zammit igħid ukoll li nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), l-imputat ma kienx attenda għas-seduta quddiem din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco u għaldaqstant il-Qorti kienet ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu. Ix-xhud jikkonferma li l-kawża quddiem il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco għada għaddejja.

L-Ispettur Zammit preżenta ukoll is-segwenti dokumenti :- (i) kopja awtentikata tad-digriet li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), li ġiet immarkata bħala 'Dok A'[9]; (ii) l-istqarrija awdjo-viżiva tal-imputat, li ġiet immarkata bħala 'Dok B'[10]; (iii) dokument li juri d-dettalji tal-imputat, li ġie mmarkat bħala 'Dok C'[11]; (iv) ċertifikat tat-twelid tal-imputat li ġie mmarkat bħala 'Dok D'[12]; (v) fedina penali tal-imputat li ġiet immarkata bħala 'Dok E'[13]; (vi) *email* minn Fondazzjoni Dar il-Hena, li ġiet immarkata bħala 'Dok F'[14]; (vi) *email* mill-*customer care* ta' l-Isptar *Mater Dei* b'dokumenti annessi magħha li ġiet immarkata bħala 'Dok G'[15]; (vii) Lista ta' drabi fejn l-imputat naqas li jiffirma l-*bail book* li ġiet immarkata bħala 'Dok H'[16] u (viii) l-*bail book* tal-imputat li ġie mmarkat bħala 'Dok I'.

[9] A fol. 5 tal-atti proċesswali
[10] A fol. 8 tal-atti proċesswali
[11] A fol. 9 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 10 tal-atti proċesswali
[13] A fol. 11 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 12 tal-atti proċesswali
[15] A fol. 16 *et seq.* tal-atti proċesswali
[16] A fol. 48 *et seq.* tal-atti proċesswali

In kontro-eżami, ix-xhud igħid li l-imputat kien tah xi ċertifikati mediċi, pero d-dati ma kinux jaqblu mad-dati li fihom ma ffirmax. L-imputat kien stqarr ukoll li ommu kellha xi ċertifikati oħra, iżda hu kien tkellem ma omm l-imputat, li kienet qaltlu li ma kellix ċertifikati. Ix-xhud iżid ukoll li l-imputat kellu problema kbira tad-droga u meta kien ingħata l-ħelsien mill-arrest u sa ftit żmien ilu, huwa kien qed jagħmel avvanżi kbar, iżda f'daqqa waħda l-imputat kien reġa' spiċċa vittma tad-droga.

**Rebecca Nicole Deguara**[17] xehdet illi hija ħaddiema soċjali ġewwa d-dar residenzjali ta' Dar Papa Franġisku, li hija *homeless shelter* ġewwa Birkirkara. Hija tgħid li Miguel Gaffarena, li għarfet bħala l-imputat fl-awla, kien mar jirresjedi ġewwa Dar Papa Franġisku fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025). Tgħid li kull persuna tista' tirresjedi ġewwa Dar Papa Franġisku għal perjodu ta' sitt (6) ġimgħat, iżda l-imputat kien irresjeda hemm biss sas-sebgħa (7) ta' Marzu, bl-eċċezzjoni li ma kienx raqad hemmhekk fis-sitta (6) ta' Marzu. Tispjega li l-imputat kien reġa' raqad hemmhekk wara ħames t'ijiem u ċioe' fit-tnax (12) ta' Marzu u minn dakinhar ma reġax għamel kuntatt magħhom. Ix-xhud preżentat dokument li ġie mmarkat bħala 'Dok RN'[18]. Ix-xhud ġiet murija ukoll 'Dok F' u kkonfermat li dawk l-*emails* kienu ntbagħtu minnha lill-Ispettur Zammit u lill-*Probation Officer*, sabiex tinfumarhom bid-dati meta l-imputat kien jirresjedi magħhom.

## L-istqarrija tal-imputat

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fit-tmienja neqsin għoxrin ta' filgħaxija (7:40 p.m.) wara li ngħata t-twissija li għandu d-dritt li ma jwieġeb għall-ebda mistoqsija u dak li jgħid jista' jinġab bħala prova. Huwa ngħata ukoll l-jedd tal-parir legali, liema jedd huwa għażel li jeżerċita u kkonsulta ma Dr. Martina Herrera. L-imputat jikkonferma li huwa kien ingħata kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mill-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco. Igħid li huwa qatt ma naqas mill-

[17] A fol. 133 tal-atti proċesswali
[18] A fol. 137 tal-atti proċesswali

obbligu tal-iffirmar u qatt ma kellu problemi fir-rigward tal-ħinijiet tar-rinkażar. Igħid li bħalissa mhux qiegħed jieħu droga u jinsab *clean*, ħlief għall-ħaxixa u jgħid li huwa lest li jissottometti ruħu għal test tal-urina. Huwa jgħid li kien l-Isptar.

Dwar l-indirizz ta' Ħaż-Żebbuġ, l-imputat igħid li huwa ma setgħax jibqa' jirresjedi f'dak l-indirizz u għalhekk mar joqgħod fid-Dar Papa Franġisku, iżda imbagħad kien l-Isptar. Igħid li dik il-ġimgħa kien mar fid-Dar Papa Franġisku u li hemmhekk hemm restrizzjoni ta' ħin u għaldaqstant il-ħinijiet tal-iffirmar iridu jinbidlu. Igħid li huwa jinsab diżorjentat, iżda daħal ħafna l-Isptar. Igħid li huwa daħal tliet (3) darbiet l-Isptar u li għandu iktar ċertifikati għand ommu. Igħid li mhux vera li l-aħħar li raqad Dar Papa Franġisku kien fit-tnax (12) ta' Marzu iżda jgħid li hemm żball. Mistoqsi dwar id-dati li fihom ma ffirmax fl-Għassa tal-Pulizija, huwa jinsisti li qatt ma naqas mill-obbligu tal-iffirmar u jerġa' jgħid li huwa kien l-Isptar.

Id-difiża da parti tagħha preżentat żewġ dokumenti, u ċioe' kopja ta' ċertifikat mediku li ġie mmarkat bħala 'Dok A'[19], kif ukoll *case summary* tal-Isptar *Mater Dei*, li ġiet immarkata bħala 'Dok B'[20].

**Ikkunsidrat**

Illi fil-każ *de quo,* l-imputat jinsab akkużat illi wettaq ir-reat kontemplat fl-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi preliminarjament, din il-Qorti jidhrilha li għandha tissolleva l-kwistjoni li fiċ-ċitazzjoni hemm żball fid-data tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati li permezz tiegħu l-imputat kien ingħata l-ħelsien mill-arrest u dan stante li d-data tad-digriet kif indikata fiċ-ċitazzjoni hija dik tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (**2025**) u mhux il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (**2024**) meta jirriżulta li ngħata l-imsemmi digriet.

[19] A fol. 138 tal-atti proċesswali
[20] A fol. 139 tal-atti proċesswali

Illi referenza ssir għas-sentenza mogħtija fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Glenn Debattista** (Numru 9/2003) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"... Kif ukoll ġie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, iċ-ċitazzjoni baqgħet xorta waħda sempliċi "avviso a comparire" u mhux il-bażi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tiġi formalment magħmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali, reż applikabbli għal proċeduri ex officio bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-każ tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jiġi konfermat bil-ġurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista' jiddefendi ruħu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawżi sommarji huwa jressaq il-każ u l-provi tiegħu fl-istess ġurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tingħata wkoll f'dik il-ġurnata (Art. 377(1)). Għalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuża" ikunu ġew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jiġi verament akkużat, sia għal dawk li huma fatti u sia għal dik li hija liġi, huwa jista' jew iġib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar ċara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun għalqet il-każ tagħha – u allura l-imputat ikun ċertament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jiġu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu. Mid-diversi verbali reġistrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-iċken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda prinċipali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jiġu imputati fil-konfront tiegħu. Għalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jingħad li l-appellant ġie preġudikat fid-difiża tiegħu."*

Referenza ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent Sharon Tanti) -vs- Joseph Caruana**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti :-

*"Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju, ghalkemm huwa minnu li l-ordni tal-Qorti biex isir il-hlas ma emanatx minn "Digriet", kif indikat fic-citazzjoni imma minn sentenza finali, d-data tas-sentenza fil-komparixxi hija korretta w cioe' "25/10/1995". Hu minnu ukoll li huwa n-numru tac-citazzjoni li hu "997/93" u mhux ta' xi digriet. Ovvjament il-Pulizija li rrediga c-citazzjoni mhux familjari mal-proceduri tal-Qrati Civili w haseb li n-numru tac-citazzjoni hu n-numru tad-Digriet.*

*B' dana kollu din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-izball ma kienx jirrendi c-citazzjoni monka jew addirittura nulla. Illi kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. (App.Krim. **"Il-Pulizija vs. Martin Brincat"** [30.4.2003]. Issa kif irriteniet din il-Qorti f' kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' mantenimernt fejn giet indikata data zbaljata tal-kuntratt ta' separazzjoni fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Bugeja"** [1.11.2002] (per V. De Gaetano C.J.), u fejn dan l-izball kien gie mressaq bhala aggravju mill-appellant, tali aggravju kien infondat ghaliex kif qalet dik il-Qorti ""Id-data '2002' hi evidentement lapsus calami tal-ufficjal tal-Pulizija li rrediga l-imputazzjoni ...Inoltre l-provi kollha mismugha mill-Ewwel Qorti jirriferu ghall-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Mejju, 2000 u kif gja inghid giet esebita anki kopja ta' dan il-kuntratt.....Ghalhekk l-appellant , bhala imputat quddiem l-Ewwel Qorti , kien jaf perfettament tajjeb ghal ksur ta' liema obbligazzjoni kienet qed tirriferi l-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni migjuba kontra*

*tieghu u ghalhekk lanqas kien hemm lok ta' xi korrezzjoni tac-citazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti ."*

*Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt f'dan il-kaz u ma tarax li hemm xi difett fis-sentenza ghax minnflok ma ssemiet sentenza f'citazzjoni bin-numru 997/1993, saret riferenza ghall-digriet bl-istess numru. Is-sustanza tal-akkuza hi li l-appellant ma hallasx manteniment u l-appellant kellu bizzejjed dettalji biex jifhem ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat. Inoltre s-sentenza kienet esebita fil-process quddiem l-Ewwel Qorti u konsegwentement dan l-izball ghax flok sentenza saret riferenza ghall-Digriet, m'ghandu b'ebda mod jibbenefika lill-appellant ghaliex hu kien konsapevoli ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat."*

Fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, din il-Qorti hi tal-fehma li l-iżball fiċ-ċitazzjoni, f'dik il-parti fejn ġiet indikata s-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bħala s-sena li fiha ngħata d-digriet li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest ma jrendix iċ-ċitazzjoni monka. Is-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) kienet evidentement *lapsus calami* tal-Uffiċjal li rrediġa l-imputazzjoni. Il-provi kollha mismugħa jirreferu għad-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u ġiet eżebita anke kopja awtentikata ta' dan id-digriet. Illi għaldaqstant l-imputat kien jaf għal ksur ta' liema obbligazzjoni kienet qegħda tirreferi l-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Is-sustanza tal-akkuża hija li l-imputat ma osservax il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu u l-imputat kellu biżżejjed dettalji sabiex jifhem ta' xiex qiegħed jiġi akkużat u għaldaqstant id-dritt tal-imputat li jiddefendi ruħu ma ġie bl-ebda mod preġudikat bl-iżball fid-data tal-imsemmi digriet.

Rigward il-mertu, jingħad illi l-prosekuzzjoni preżentat kopja awtentikata ta' digriet li ngħata minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco,

nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024)[21] li permezz tiegħu l-imputat kien ingħata l-ħelsien mill-arrest fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Omar Zammit) -vs- Miguel Gaffarena**. Illi jirriżulta li l-imputat huwa marbut b'numru ta' kundizzjonijiet fosthom illi:-

- jidher għal kull att tal-proċess fid-data, lok u ħin lilu ordnat minn din il-Qorti jew minn Qorti oħra (kundizzjoni numru wieħed);
- jirraporta fl-Għassa tal-Pulizija tad-Distrett ta' fejn joqgħod jiġifieri fl-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ġimgħa u s-Sibt bejn is-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs) u t-tmienja u nofs ta' bil-lejl (20:30hrs), b'dan illi jekk ma jkunx jista' jirraporta kif fuq ingħad, għandu jibgħat ċertifikat mediku fi żmien sitt siegħat mill-ħin li fih qed jiġi obbligat li jirraporta (kundizzjoni numru ħamsa);
- jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod u ċioe' sebgħa u erbgħin (47), Triq il-Mitħna, Ħaż-Żebbuġ, mhux aktar tard mid-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs) u ma joħroġx minn hemm qabel is-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) (kundizzjoni numru sitta);
- jekk ibiddel l-indirizz tad-dar, għandu jinforma lil Pulizija b'dan it-tibdil fi żmien tnax-il siegħa minn tali bdil (kundizzjoni numru sebgħa);
- jitpoġġa taħt Ordni ta' Superviżjoni Proviżorja sabiex jiġi segwit minn Uffiċjal tal-Probation, skond il-liġi (kundizzjoni numru tmienja);

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li l-imputat naqas li jiffirma fl-Għassa tal-Pulizija għal diversi drabi bejn Frar u Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u dan mingħajr raġuni valida. Jirriżulta ukoll li ma kienx qiegħed jirresjedi fl-indirizz ġewwa Ħaż-Żebbuġ skond il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħtija lilu, u lanqas ma kien qiegħed jirresjedi f'Dar Papa Franġisku fid-dati kollha in kwistjoni u dan nonostante li kien informa lill-Pulizija li kien qiegħed jirresjedi hemmhekk. Jirriżulta ukoll li huwa ma kienx deher għas-seduta ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena kurrenti quddiem din il-Qorti preseduta mill-

[21] A fol. 5 tal-atti proċesswali

Maġistrat Dr. Lara Lanfranco u li ma kienx qiegħed jattendi għall-appuntamenti li qiegħed jingħata mill-Uffiċjal tal-Probation[22].

Illi għaldaqstant jirriżulta ampjament ippruvat li l-imputat naqas milli jħares l-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta u għaldaqstant l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat ġiet sodisfaċentament ippruvata iżda dan b'referenza għad-digriet datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena**

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali tal-imputat, in-natura tal-imputazzjoni li tagħha qiegħed jinstab ħati l-imputat, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ minn fejn jirriżulta li l-imputat naqas ripetutament milli jħares diversi kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18 u 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Miguel Gaffarena** ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u ċioe' talli naqas milli jħares l-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco, iżda dan b'referenza għad-digriet datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u qegħda tikkundannah għall-perjodu ta' ħames (5) xhur priġunerija, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna l-konfiska ta' parti tal-ammont stabbilit fil-

[22] 'Dok VD 1' a fol. 111 tal-atti proċesswali

ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u għalhekk qegħda tordna l-konfiska tal-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti parti mid-depożitu mpost fid-digriet li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).

Il-Qorti qegħda ukoll tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni u qegħda tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u tordna l-arrest tiegħu mill-ġdid.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qegħda tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li kopja tagħha tiġi nserita fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Omar Zammit) -vs- Miguel Gaffarena pendenti quddiem din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara